**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2016**

Kawza Numru: 340/2016JB

Numru: 7

**Elmo Insurance Limited (C3500)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jeremy Gatt**

***vs***

**Monica Brincat (K.I.: 216787M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-23 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u sitta u tletin euro u tletin centezmu (€2,736.30) liema somma tirraprezenta danni sofferti mill-assikurat Jeremy Gatt u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta Attrici in segwitu ghal incident li sehh fl-1 ta' Awissu 2015. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn gie miftiehem li jkun hemm dilazzjoni ta' pagamenti fil-waqt li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenuta;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenuta, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta, soggett naturalment ghal dak verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenuta, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €2,736.30 bl-imghax legali skond il-ligi cjoe b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali imsemmija fl-Avviz b'dan li – konformement ma' dak verbalizzat – din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita kemm-il darba l-Konvenuta taghmel pagamenti mensili ta' mhux anqas minn hamsin euro (€50) bl-ewwel wiehed ikun nhar il-31 ta' Ottubru 2016 f'liema eventwalita wkoll l-imghax mghandux jiddekorri. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*